# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 228/2017 RM**

**Armando Chircop**

**vs**

**Alfio Chircop**

**Illum, 13 ta' Frar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Awwissu 2017, fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu l-ammont ta' ghaxart elef, tlett mija u tlieta u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€10,393.81) ekwivalenti ghal disat elef Sterlina (Stg 9,000), ammont li gie mghoddi lill-konvenut minghand l-attur sabiex iroddhomlu lura, flimkien mal-interessi, liema ammont huwa dovut.

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax legali b'effett mis-sena 1994 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Alfio Chircop ipprezentata fis-27 ta' Settembru 2017 li permezz taghha huwa eccepixxa:

1. *Preliminarjament illi t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(d) u 2156(e) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u l-esponenti jiddikjara li m'huwiex debitur tal-attur u ma hemm ebda somma flus dovuta lill-attur mill-esponenti;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghall-permess u in linea sussidjarja u fil-mertu l-attur ghandu jgib prova minn fejn tirrizulta l-pretenzjoni tieghu stante li l-konvenut ma jirrizultalu li ghandu ebda debitu fil-konfront tal-attur;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghall-permess u in linea sussidjarja u fil-mertu, jekk din l-Onorabbli Qorti thoss li t-talba tal-attur hija gustifikata, l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza jew se mai mid-data li l-esponenti gie interpellat gudizzjarjament sabiex ihallas din is-somma u mhux mis-sena 1994 kif indikat mill-attur fit-talba tieghu.*

4. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat illi b'digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-STO il-Prim'Imhallef, din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat il-verbal moghti fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2017 fejn in vista tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ordnat li jinstemghu l-provi fuq l-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti in atti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx iktar provi x'iressqu dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-12 ta' Dicembru 2018 u n-nota responsiva tal-attur ipprezentata fit-23 ta' Jannar 2019, in linea ta' trattazzjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut[1].

**<u>PROVI DWAR L-ECCEZZJONI TAL-PRESKRIZZJONI</u>**

**Il-konvenut Alfio Chircop xehed permezz ta' Affidavit** fejn iddikjara li huwa jigi hu Armando Chircop, u b'referenza ghat-talba tal-attur ghall-hlas tas-somma ta' €10,393.81, qal illi din is-somma mhix dovuta lilu. Jiftakar li ghall-habta tas-snin tmenin hu flimkien ma' Armando kienu xtraw id-dar t'ommhom biex imbaghad waqqghuha u minflokha bnew erba' appartamenti u xi tmien garraxxijiet. Dawn inbieghu kollha u skont il-konvenut, l-ispejjez tal-progett qasmuhom bejniethom u meta l-progett inbiegh kollu, ir-rikavat inqasam bejniethom ugwalment. Jghid illi dan kien l-uniku negozju li hu u huh Armando ghamlu flimkien.

Il-konvenut xehed ukoll illi tul is-snin kollha li ghaddew, minn 1994, huh qatt ma kien semmielu xejn u lanqas kitiblu jew cempillu f'dan ir-rigward. Sahansitra qal illi xi erba' snin ilu kellu funeral tal-familja fejn kienu t-tnejn prezenti u huwa ma semmielu xejn. Fis-sena 2015, kien hemm okkazzjoni meta cempillu Armando u talbu jitla' jixhed f'xi kwistjoni li kellu ma' Mario Mifsud Bonnici rigward xi dehebijiet, izda ma riedx jinvolvi ruhu fi kwistjonijiet bhal dawn. Jiftakar li dakinhar huh kien irrabja hafna talli ma riedx jinvolvi ruhu f'din il-kwistjoni,

[1] Seduta tal-24 ta' Ottubru 2018.

izda lanqas dakinhar ma kien semmielu xejn fuq is-somma li qed jippretendi minghandu.

Skont il-konvenut, kien f'Dicembru 2015 li huwa rcieva ittra ufficjali minghand Armando Chircop fejn ghall-ewwel darba issemmiet is-somma li hu qed jitlob minghandu. Xehed illi huwa kien nforma lill-avukat tieghu b'din l-ittra u pprezentaw risposta fejn hu cahad li kellu jhallas xi somma lil Armando, u wara din ir-risposta rega' ma sema' xejn minghand Armando Chircop, sakemm f'Settembru 2017 ircieva l-avviz tal-kawza. Hu ghamilha cara li huwa mhuwiex debitur ta' Armando Chircop, li s-somma mitluba minnu mhix dovuta u li hu m'ghandu jaghtih assulutament xejn.

**L-istess konvenut Alfio Chircop xehed in kontro-ezami fil-21 ta' Marzu 2018** fejn qal illi huwa ma jiftakarx li effettivament ħuh kien tah xi flus fid-denominazzjoni Sterlina meta kien qed jagħmel xi negozju ma' iben ix-xhud stess. Jghid li ma jiftakarx li effettivament ħuh kien tah xi flus.

Jiftakar li fis-sena 2015 kien ċempillu ħuh u talbu biex jitla' jixhed għax kellu każ u x-xhud rriffjuta li jitla'. Jaf li l-kwistjoni però li kien talbu ħuh biex jixhed fiha kienet tikkonċerna xi wirt tal-ġenituri tiegħu u li kien gie mitlub sabiex jieħu basket bid-deheb għand in-neputi tal-mara biex jivvalutah. Effettivament skont il-konvenut, ħuh kien talbu biex jgħid li kien tah il-basket b'oġġetti tad-deheb biex jivvalutah izda qal li ma kien veru xejn li ħuh kien talbu hekk u għalhekk hu ma kienx xtaq jixhed. Qal li qatt ma kien irċieva dan il-basket tad-deheb.

Meta gie muri Dok. Z, li jgib id-data tad-19 ta' Mejju 2015, il-konvenut wiegeb li kien irċieva din l-ittra wara telefonata li kienet saritlu aktar kmieni meta ma kienx aċċetta li jitla' jixhed. Hu sostna li huwa wiegeb li effettivament ma kellu jagħti xejn lill-attur. Muri Dok. X li huwa *photo image* ta' ċekk, il-konvenut ikkonferma l-kontenut ta' dan iċ-ċekk u spjega illi dan kien ċekk fi flus Sterling, mogħti lilu fin-1994. Hu jiftakar li effettivament 24 sena qabel huwa kien issellef

flus mingħand ħuh l-attur fis-somma ta' disat elef Lira Sterlina, izda qal li hu kien hallas lura lil huh fi flus kontanti. Ghalkemm ma jafx meta ħallsu, il-konvenut jghid li dan kien ħafna snin ilu.

Il-konvenut ikkonferma wkoll li ma' huh mhuwiex miggieled però ma jitkellmux. Qal li kieku ma giex muri Dokument X, ghalih m'għandu jtih xejn. Ikkonferma wkoll li jista' jkun ħames jew sitt snin ilu li ħallas lura lil huh, izda ma jiftakarx preċiż. Tenna li jista' jkun ħadhom xi ħames snin jew sitta qabel però ma jafx. Kull ma jaf huwa li lil huh hallsu *cash*. Ma jiftakarx fejn ħallsu izda jaf li kien waħdu meta ħallsu.

Il-konvenut gie muri Dokument Y izda qal li din l-ittra hu ma jiftakariex. Muri Dokument S li hija ittra risposta għal Dokument Y, il-konvenut qal li effettivament din l-ittra kien bgħatha hu lil ħuh Armando Chircop u qal li fuq din l-ittra (Dok. S) hemm il-firma tiegħu. Jikkonferma illi din l-ittra huwa kien kitibha f'Marzu 2013 u jidher minnha li sa dakinhar, il-flus ma kienx għadu ħallashom lura.

Rigward Dokument P, il-konvenut wiegeb li fl-14 ta' Frar tal-2003 kien iddikjara li effettivament kellhu jagħti sitt elef Sterling lil ħuh. Sa fejn jaf hu m'għandu jtih xejn. Ix-xhud kien hallas lil ħuh fi flus Maltin però ma jiftakarx lanqas l-ammont li huwa tah. Huwa qal li hu zgur li ħallas lil ħuh u llum il-ġurnata m'għandu jtih l-ebda flus. Qatt ma tkellmu fuq il-flus li kienu dovuti lil ħuh lanqas dwar il-konverżjoni kemm effettivament kellu jħallsu fi flus Maltin.

**Il-konvenut Alfio Chircop rega' xehed fl-24 ta' Mejju 2018** fejn qal illi b'referenza għal dak li kien xehed fil-21 ta' Marzu 2018, u appuntu fejn qal li huh kien tah xi flus, qal illi jiftakar li kien tah xi flus, però hu żgur u konvint li kien ħallsu wara daż-żmien kollu.

**L-attur Armando Chircop xehed fil-21 ta' Marzu 2018** fej qal li hu kellu relazzjoni tajba mal-konvenut ħuh li kien iżommlu l-kotba tal-kumpanija tiegħu, jeħodlu ħsieb l-income tax tiegħu u jeħodlu ħsieb kollox tiegħu. Qal li darba minnhom huh kien mar għandu u qallu li kien imsallab u kellu n-negozju mat-tifel u hu kien offrielu li jsellfu xi flus peress li kienu viċin ħafna ta' xulxin. Skont l-attur, il-konvenut qallu biex ma jghid xejn lil martu u lil uliedu, ma jċempillux d-dar, lanqas l-uffiċċju fejn ikun hemm uliedu, talbu jikkomunika miegħu dwar dan fuq il-mowbajl tiegħu biss.

L-attur spjega illi nqala' xi diżgwid żgħir bejnu u bejn il-konvenut dwar xiri ta' garaxx minghand l-istess huh, u ddeċieda li ma kellux għalfejn iżommlu aktar kotba tiegħu u r-relazzjoni tagħhom marret għall-ħażin. Izda qal li baqa' jcempel lil huh il-konvenut fuq il-mobajl tiegħu biex jitolbu l-flus li kien sellfu u fil-fatt kien saħansitra anki talbu biex itih il-flus bla interessi. L-attur qal ukoll li kien hemm żmien meta kien jgħidlu biex jissapportieh u saħansitra anki rringrazzjah u l-flus qatt ma waslu. Qal li jaf li effettivament huh dejjem jitolbu biex jissapportieh għaliex ix-xhud dejjem ħa lil ħuh bħala raġel. Izda spjega illi meta kiteb lil huh u dan wiegeb li seta' kien qed jinsa, ħass li kien qed jgħajjru li għandu *dementia* u għalhekk iddeċieda li jfittxu għalihom, u kitiblu bl-Avukat (Dok. AC).

L-attur ikkonferma li huh qatt ma ħallashom l-flus u lanqas hemm ircevuta. Jghid li hu dejjem żamm mal-kondizzjonijiet illi effettivament ma kellux jikkomunika mal-familjari tal-konvenut dwar dan is-self. Wara li spjega x'kien gara rigward il-kwistjoni li kellu ma' Mario Mifsud Bonnici rigward id-deheb li ma nstabx (Dokument AM3), l-attur qal li huwa dejjem fdah lil ħuh izda kkonferma li lilu qatt ma ħallsu dawk il-flejjes li kien sellfu u dan fl-ebda denominazzjoni. Ghalkemm dejjem issapportih, meta qallu li bedu jmur minn moħħu, hass li din kienet inġurja u kien għalhekk li hu ddecieda li jfittex ghall-flus.

**L-attur Armando Chircop rega' xehed fil-15 ta' Mejju 2018** fejn qal illi huwa minnu li xi żmien qabel hu u ħuh Alfio kienu xtraw xi proprjetà ta' ommu flimkien, però fil-fehma tiegħu dak kien kapitlu magħluq. Din id-dar kienu waqqaghuha, bnewha u bieghuha. Jahseb, izda mhux cert, illi l-kwistjoni dwar il-garaxx kienet inqalghet fil-madwar tad-disgħinijiet. L-attur spjega wkoll illi l-flus li hu ħareg biex isellef lil ħuh u ċioè s-somma ta' disat elef Sterlina kienu depożitati f'kont bankarju ġewwa l-Ingilterra, liema kont kien fethu xi tmien snin qabel ma effettivament kien għamel is-self.

Ikkunsidrat;

Din hija sentenza li qed tinghata limitatament biex tigi deciza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut. Il-fatti tal-kaz li jirrizultaw mill-atti processwali tal-kawza sa dan l-istadju huma s-segwenti:-

**Verzjoni tal-Attur**

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attur qieghed jitlob il-rifuzjoni ta' somma flus li skont hu kien avvanza lil huh il-konvenut in linea ta' self, liema flus huwa jghid li baqghu qatt ma ntraddulu lura. Jitlob ukoll l-imghax fuq is-somma mislufa.

Il-verzjoni tal-attur kif jirrizulta mix-xhieda tieghu[2] f'din il-kawza hija illi huwa kellu relazzjoni tajba ma' huh il-konvenut u kienu vicin hafna ta' xulxin, u meta ra li huh kien imsallab finanzjarjament, kien offra jisilfu xi flus. L-attur spjega illi wara xi zmien ir-relazzjoni taghhom iddeterjorat u nqatghu minn ma' xulxin. Izda, l-attur jghid li huwa baqa' jcempel lill-konvenut biex jitolbu l-flus li kien silfu u kien anke talbu biex jaghtih il-flus lura minghajr interessi. Skont l-attur, il-konvenut kien jghidlu biex jissapportih u rringrazzjah tas-self, izda l-hlas baqa' qatt ma sar. L-attur iddecieda li jfittex lil huh ghall-flus wara li rcieva l-ittra

[2] Xhieda tal-21 ta' Marzu 2018.

Dok. AC[3] ghaliex hass li l-konvenut kien ghajru meta qal li qed jimmagina li kellu jaghtih xi flus.

**Verzjoni tal-Konvenut**

Il-verzjoni tal-konvenut kif jirrizulta mill-Affidavit[4] tieghu f'din il-kawza, hija illi s-somma mitluba mill-attur f'din il-kawza mhux dovuta. Xehed illi l-uniku negozju li qatt kellu ma' huh kien ghall-habta tas-snin tmenin, liema progett kien gie konkluz minghajr ebda dizgwid. Fir-rigward it-talba ghall-hlas tas-somma pretiza mill-attur, il-konvenut jghid illi huh qatt ma ma semmielu xejn jew kitiblu jew cempillu dwar dan il-flus wara s-sena 1994. Jghid izda, li wara illi huwa kien irrijfuta t-talba ta' huh l-attur biex jixhed bhala xhud tieghu f'kwistjoni li kellu ma' Mario Mifsud Bonnici ghall-habta tas-sena 2015, huh irrabja ghalih u f'Dicembru 2015, baghtlu ittra fejn ghall-ewwel darba ssemmiet is-somma li qed tintalab f'din il-kawza. Wara, gie notifikat b'din il-kawza.

Izda, meta xehed in kontro-ezami, il-konvenut biddel il-verzjoni tieghu sostanzjalment. Ikkonferma illi 24 sena ilu huwa kien issellef is-somma ta' disat elef Lira Sterlina (Stg 9,000) minghand huh l-attur u illi fl-1994 l-attur kien ghaddielu c-*cheque* esebit bhala Dokument X, ghas-somma ta' Stg 6,000. Ikkonferma wkoll illi fl-14 ta' Frar 2003 huwa kien iddikjara bil-miktub illi kellu jaghti s-somma ta' Stg 6,000 lil huh l-attur. Jghid, izda, illi lil huh huwa kien hallsu lura fi flus kontanti hafna snin ilu u ghalkemm ma jiftakarx meta, jghid li l-hlas sar wara li baghat lil huh l-ittra datata 27 ta' Marzu 2003 (Dokument S). Meta rega' gie mistoqsi jghid meta hallas lura lil huh is-somma lilu mislufa, il-konvenut wiegeb illi jista' jkun li huwa kien ilu li hallas lil huh xi hames jew sitt snin.

Ikkunsidrat;

[3] Fol. 23.
[4] Ipprezentat fl-10 ta' Jannar 2018.

Illi bl-ewwel eccezzjoni tieghu fir-risposta ghar-rikors promotur[5] il-konvenut jeccepixxi illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(d) u 2156(e) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema preskrizzjonijiet eccepiti jgibu l-estinzjoni tal-azzjoni b'gheluq ta' hames snin fil-kaz ta':-

*(d) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' mgħaxijiet ta' somom meħuda b'self jew taħt titolu ieħor, u, in ġenerali, ta' dak kollu li jitħallas bis-sena jew kull tant żmien ieħor aqsar minn sena;*

*(e) l-azzjonijiet għar-radd ta' flus mogħtija b'self, jekk is-self ma jirriżultax minn att pubbliku;*

Jinsab pacifikatament ritenut[6] illi eccezzjoni ta' preskrizzjoni estintiva trid tigi deciza skond l-azzjoni li jipproponi l-attur. Ghalhekk, meta l-konvenut jeccepixxi l-preskrizzjoni, il-Qorti qabel xejn trid tezamina jekk il-preskrizzjoni eccepita hijiex opponibbli ghat-talba u ghall-azzjoni kif imfassla u, f'kaz affermattiv, ghandha tipprocedi biex tiddetermina d-data li minnha ghandu jitqies li dak it-terminu preskrittiv beda jiddekorri (jekk il-preskrizzjoni m'hijiex altrimenti sospiza ai termini tal-Artikoli 2123 *et seq.* tal-Kodici Civili) u, f'kaz li l-preskrizzjoni tigi opposta b'allegazzjoni ta' interruzzjoni tat-terminu preskrittiv, jekk dak it-terminu kompjut, giex interrott.

Fil-kawza **Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello**, deciza fit-13 ta' Marzu 2009 intqal hekk mill-Qorti tal-Appell:-

"*Hu ben saldat fid-dottrina legali u fil-gurisprudenza illi meta tigi opposta l-preskrizzjoni l-konvenut ma ghandu ghalfejn jipprova xejn izjed hlief id-dekorriment taz-zmien. Jaggrava fuq l-attur illi jiddemostra illi dik il-preskrizzjoni ma kienetx ammissibbli ghall-fattispeci tal-kawza, jew,*

---

[5] 3 ta' Lulju 2018, fol. 7.
[6] **Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello** – Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), deciza 13 ta' Marzu 2009.

*alternattivament, jekk applikabbli, li dik l-istess preskrizzjoni giet sospiza jew interrotta. Jinzel minn dan illi l-perkors li suppost kellha ssegwi l-ewwel Qorti kellu jkun dan:-*

*(1) Ir-ricerka u l-verifika jekk il-preskrizzjonijiet eccepiti, jew xi wahda minnhom, kienux jew le opponibbli ghat-talba;*
*(2) F'kaz ta' applikabilita` ta' xi wahda minnhom, jekk il-perijodu preskrittiv giex interrott ghal motiv dedott mis-socjeta` attrici;*
*(3) Stabbilita din l-interruzzjoni, id-determinazzjoni tal-mument storiku li fih avverat.*"

Jinsab ukoll assodat illi meta l-Qorti tiddetermina li l-preskrizzjoni partikolari eccepita mill-konvenut, m'hijiex dik applikabbli ghall-azzjoni, m'huwiex kompitu taghha li tindaga u tistabbilixxi hija stess liem'hija l-preskrizzjoni applikabbli, ghaliex huwa vjetat it-tqanqil u applikazzjoni *ex officio* mill-Qorti tal-preskrizzjoni[7]. In-natura odjuza tal-istitut tal-preskrizzjoni tesigi wkoll li tinghata interpretazzjoni u tifsira restrittiva ta' din l-eccezzjoni, b'mod illi kull dubju dwar l-applikabbilita` taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, ghandu jmur kontra l-eccipjenti tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirrizulta illi l-attur kien silef lil huh il-konvenut is-somma ta' disat elef Lira Sterlina bejn is-snin 1993 u 1994, u dan skont kif gie eventwalment ikkonfermat mill-konvenut innifsu meta xehed f'din il-kawza, u kif evidenzjat ulterjorment minn Dokument X esebit mill-attur. Jirrizulta wkoll illi fi Frar u Marzu tas-sena 2003 il-konvenut kien ghadu ma hallasx lill-attur il-flus li kien silfu u dan kif accettat mill-istess konvenut anke bil-miktub.[8] L-attur isostni illi l-konvenut kien dejjem jitolbu biex jissapportih u ghalkemm huwa kien baqa' jcempel lill-konvenut biex ihallsu lura l-flus li kien silfu, u kien anke talbu biex jaghtih il-flus lura minghajr interessi, il-hlas baqa' qatt ma sar.

---

[7] Artikolu 2111 tal-Kodici Civili.
[8] Vide Dokument S u Dokument T a fol. 14 u 15.

Dan huwa kontradett mill-konvenut illi f'din il-kawza jichad illi huwa ghandu jaghti xi flus lill-attur. Skont il-konvenut, huwa kien hallas lura l-ammont misluf lilu minn huh, izda l-Qorti tosserva li l-eccezzjoni formali li ressaq il-konvenut in kontestazzjoni tat-talba attrici hija dik tal-preskrizzjoni u mhux tal-pagament. Billi l-indagni tal-Qorti hija necessarjament cirkoskritta mill-parametri tal-eccezzjoni in dizamina, hija limitata, f'dan il-kaz, ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u konsegwentement, f'dan il-qafas u kuntrarjament ghal dak sottomess mill-attur,[9] il-konvenut ma huwiex tenut li jgib prova tal-hlas izda jinkombi fuq il-konvenut li juri li t-terminu ta' preskrizzjoni minnu eccepita hija dik applikabbli ghall-azzjoni odjerna, u okkorrendo, illi z-zmien relattiv ghadda minghajr ma kien hemm rikonoxximent, accettazzjoni jew interruzzjoni ohra tat-terminu tal-preskrizzjoni.

Ghalkemm kif inghad diga`, ma giet sollevata ebda eccezzjoni tal-pagament f'din il-kawza, il-Qorti tqis li fi kwalunkwe kaz ma kien ikun hemm ebda inkompatibbilita` bejn eccezzjoni tal-hlas (kieku din inghatat), u l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni. Gie infatti diversi drabi ritenut[10] illi l-eccezzjoni tal-pagament ma hijiex inkompatibbli ma' dik tal-preskrizzjoni:-

"*Ghalhekk filwaqt li gie ritenut illi l-eccezzjoni tal-pagament ma kienitx inkompatibbli ma' dik tal-preskrizzjoni, gie minn dejjem sostnut illi "hija inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, dik tal-inezistenza assoluta tal-kreditu jew dik tal-kompensazzjoni" (Volum XXX.i. 964).*"[11]

Efettivament, wara kollox, il-preskrizzjoni brevi giet konstantament ritenuta li hija prezuntiva ta' pagament[12], u ghalhekk m'hemm l-ebda raguni ghalfejn meta l-konvenut jiddikjara li hallas il-kreditu pretiz, il-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2156 m'ghandhiex ikollha effett.

---

[9] Vide nota ta' sottomissjonijiet tal-attur, paragrafu 6.

[10] **Peter Paul Muscat et vs Peter Muscat Scerri** – Appell Supperjuri deciz fis-26 ta' Gunju 2009.

[11] **Perit Guido Vella v. Av. Emmanuel Cefai noe**, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001. Ara wkoll sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Novembru, 2001: **Vella v. Moby Rentals Ltd.**

[12] **Ivy Agius vs Joseph Calleja nomine** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Frar 1958 (Vol. XLII.ii.923).

Li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva tipprezumi hlas, u cioe` l-estinzjoni tal-obbligazzjoni, gie affermat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Vincenzo Chircop vs Simeone Azzopardi** deciza mill-Qorti tal-Appell[13].

"*che il convenuto .... ha confessato di non aver pagato .... e quindi avendo confessato di non aver pagato, egli e' precluso dal poter eccepire la prescrizione quinquennale che egli oppone, la quale e' prescrizione presuntiva di pagamento ed e' inconciliabile colla confessione di non aver pagato, non potendo il convenuto dopo sifatta confessione dichiarare con suo giuramento a senso dello Art. 1924 di detta Ord. (illum Artikolu 2160 tal-Kodici Civili), di non essere debitore o di non ricordarsi se i fitti reclamati siano pagati.*"

Kif inghad mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Superjuri) fis-sentenza taghha tal-25 ta' Novembru 2008[14], il-pozizzjoni kienet tkun differenti kieku l-konvenut ma jichadx li ghandu jaghti, imma allega biss li ma jidhirlux li ghandu jaghti s-somma kollha pretiz mill-kreditur, ghaliex f'dan il-kaz jitqies li hemm inkompatibbilita` irrikonciljabbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Huwa ghalhekk biss f'kaz li l-konvenut ikun iddikjara li ma hallasx, li kien ikun hemm inkompatibbilita` mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva kontemplata fil-preskrizzjonijiet brevi[15] li, kif rajna, jipprezumu l-hlas.

Ferm il-premess, jirrizulta illi s-sottomissjoni tal-attur[16] illi galadarba l-konvenut ikkonferma fix-xhieda tieghu li kellu jaghti, ma setax jeccepixxi l-preskrizzjoni, m'hijiex korretta. Barra minn hekk, il-kredibbilita` o meno tal-konvenut dwar jekk kienx hemm self u/jew dwar jekk kienx verament hallas lura l-ammont misluf, m'hijiex daqshekk materjali ghad-determinazzjoni tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, li kif inhu risaput hija prettament eccezzjoni ta' natura legali. Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax f'dan il-kaz, illi l-verzjoni originali

---

[13] Sede Superjuri, deciza fil-25 ta' Frar 1920 (Vol. XXIV.i.373). Citata fis-sentenza **Francis Saliba et vs Joseph Xuereb** (*supra.*)
[14] **Francis Saliba et vs Joseph Xuereb**.
[15] Artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 tal-Kodici Civili.
[16] Vide nota ta' sottomissjonijiet tal-attur, paragrafu 7.

tal-attur li d-debitu huwa inezistenti, giet kompletament kapovolta meta ge rinfaccjat bl-evidenza tas-self li saritlu u inbidlet f'wahda ta' pagament.

Ikkunsidrat;

Il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2156(d) u (e) tal-Kodici Civili, u l-Qorti tosserva li l-ammissibilita` taghhom mhux kontestata mill-attur. Madanakollu, il-Qorti xorta wahda hija tal-fehma illi ghall-fattispecje ta' dan il-kaz, li jittratta l-hlas lura tal-kapital misluf lill-konvenut kif ukoll talba ghall-hlas ta' imghaxijiet dovuti fuq dan is-self, isibu riskontru d-dispozizzjonijiet sew tas-subinciz (d) u sew tas-subinciz (e) tal-Artikolu 2156 ghall-azzjoni kif proposta.

Stabbilit ghalhekk li l-preskrizzjonijiet eccepiti huma applikabbli rispettivament ghat-talba ghall-hlas tal-imghax dovut fuq is-self [Artikolu 2156(d)], u ghat-talba ghall-hlas tas-self innifsu [Artikolu 2156(e)], kif ukoll illi ma hemm ebda inkompatibbilita` bejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u l-pagament li gie eventwalment allegat mill-konvenut fix-xhieda tieghu f'din il-kawza, jonqos li, fuq l-istregwa tal-gurisprudenza fuq citata, jigi stabbilit jekk iz-zmien applikabbli ta' hames snin lahaqx iddekorra minghajr ma gie interrott fit-termini mfissrin mil-Ligi, fosthom b'xi rinunzja jew rikonoxximent maghmul mid-debitur.

Ikkunsidrat;

Illi in materja ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni bir-rikonoxximent maghmul mid-debitur, l-Artikolu 2133 tal-Kodici Civili jghid hekk:-

*"Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja."*

In tema tar-rinunzja ghall-preskrizzjoni, il-ligi tistipula li:-

**2108** (2) *"Tista` ssir rinunzja ghall-preskrizzjoni gia akkwistata".*

**2109** *(1) "Ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni tista` tkun espressa jew tacita;*
*(2) Ir-rinunzja tacita tigi minn fatt li jissoponi l-abbandun tal-jedd akkwistat".*

In propositu, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell tat-30 ta` Mejju 1952 fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle Mc Canee noe**.[17], jinghad hekk:-

*"Illi r-rikonjizzjoni interruttiva ghar-rinunzja ghall-preskrizzjoni kompjuta tista` tkun diretta u espressa, b`dikjarazzjoni formali tal-volonta` li jigi rikonoxxut id-dritt; tista` tkun diretta u tacita, b`fatti li fihom infushom immedjatament juru dik il-volonta`; u tista` tkun indiretta jew prezunta, dedotta minn fatti konkludenti inkompatibbli mal-volonta` tal-preskriventi li jikkontesta l-ezistenza u l-ezercizzju tad-dritt. Ir-rinunzja tacita hi kwistjoni tal-volonta` prezunta tad-debitur, u kwindi ma hemmx rinunzja jekk hu jesprimi ruhu b`mod li jimmanifesta pjuttost l-intenzjoni li ma jirrikonoxxix id-dritt;"*

Mill-atti jirrizulta illi ghad is-somma mitluba mill-attur jidher li giet mislufa lill-konvenut fit-28 ta' Settembru 1993 in kwantu ghas-somma ta' Stg 3,000 u fl-14 ta' Marzu 1994 in kwantu ghas-somma ulterjuri ta' Stg 6,000, il-Qorti tqis illi l-konvenut irrinunzja definittivament ghall-preskrizzjoni li setghet kienet diga` diversi snin kompjuta, meta iddikjara permezz ta' skrittura datata 14 ta' Frar 2003[18], illi:-

*"I the undersigned declare that I owe the amount of Stg 6000 (six thousand pounds sterling) to my brother Armando."*

Fis-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-isimijiet **Perit Joseph Barbara et vs Segretarju tal-War Damage Commission**, inghad hekk fir-rigward:-

[17] Citata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inf.) **MW Workshop Limited vs Dipartiment tal-Protezzjoni Civili**, deciza 21 ta' Marzu 2017..
[18] Dok. T a fol. 14.

*"Kif josserva l-Laurent ir-rikonoxximent huwa rinunzia `Chi riconosce i diritti del creditore fa una rinuncia ..... il riconoscimento implica una rinunzia; coll` ammetere il diritto della persona contro la quale si sta prescrivendo io rinuncio a valermi del tempo gia corso a mio profitto`. Il-gurisprudenza Maltija [Prim'Awla:* ***Farrugia vs Perini****] ikkunsidrat l-interruzzjoni anki bhala "l` abdicazione di un diritto" [App.Civ.* **Alfred Brownrigg vs Giuseppe Fenech***]."*

Huwa wkoll pacifikatament accettat li r-rinunzja ghall-preskrizzjoni trid tkun rizultat ta' atti jew fatti li ma jistghux jfissru jew jittiehdu b'haga ohra hlief bhala rinunzja jew ammissjoni, u fil-kaz ta' dubbju l-apprezzament ghandu jwassal ghall-konvinciment kontra r-rinunzja u mhux favur.

Ghalkemm fl-atti jirrizulta li hemm ukoll dikjarazzjoni bil-miktub tal-konvenut illi huwa debitur ta' huh fis-somma globali ta' Stg 9,000, liema dikjarazzjoni, evidentement, ma hija xejn hlief rikonoxximent tad-debitu shih pretiz mill-attur, mhemm indikata ebda data meta saret din id-dikjarazzjoni[19] u din ma tirrizultax lanqas mix-xhieda. Fuq l-iskorta tal-gurisprudenza pacifika in materja, il-Qorti hija tal-fehma illi ftit li xejn tista' tiswa din id-dikjarazzjoni bhala prova tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, wisq anqas ta' rinunzja ghall-preskrizzjoni gia` kompjuta, jekk m'hemmx indikazzjoni taz-zmien meta saret.

Kif diga` ntqal, fit-testimonjanza tieghu f'din il-kawza il-konvenut jaccetta illi huwa kien issellef is-somma ta' Stg 9,000 minghand huh u accetta wkoll[20] illi sas-27 ta' Marzu 2003 huwa ma kienx ghadu hallas lura s-somma lilu mislufa. Imbaghad, fid-depozizzjoni tieghu fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2018, <u>il-konvenut jaccetta li jista' jkun li huwa hallas lil huh il-flus li kien silfu, xi hames jew sitt snin qabel</u>. Ghall-Qorti din id-dikjarazzjoni tfisser illi ghalkemm mhux qed tigi mistharrga xi eccezzjoni tal-pagament, il-konvenut <u>jirrikonoxxi illi sa talanqas hames snin qabel l-istess udjenza tal-21 ta' Marzu 2018</u>, huwa kien debitur tal-attur fis-somma mitluba f'din il-kawza, moghtija lilu b'self. Fi kliem iehor, bid-dikjarazzjoni tal-konvenut li huwa kien hallas lill-attur, l-istess konvenut kien

[19] Dok. X a fol.17.
[20] Seduta tal-21 ta' Marzu 2018.

qed jirrikonoxxi li fiz-zmien meta allegatament sar dan ir-ripagament, l-attur kellu dritt li jithallas.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fil-kawza **Psaila v. Slabick** deciza fid-9 ta' Frar 2005:-

"*Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni tal-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-successjoni jew f'forma ta' entrata fl-accounts.*"

Ikkunsidrat;

Il-Qorti taghmilha cara li wahedha, id-dikjarazzjoni li ghamel il-konvenut fix-xhieda tieghu - li huwa hallas lura s-self reklamat mill-attur f'din il-kawza – ma tissarrafx fit-taghrif tad-dejn jew mod kif inkisret il-preskrizzjoni fil-mument li saret din id-dikjarazzjoni izda pjuttost bhala cahda li llum ghandhom jithallsu xi flus lill-attur. Kif rajna, id-dikjarazzjoni tal-hlas fiha nnifisha ma toqtolx l-effikacja tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u wara kollox, il-ligi stess fl-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 tistipola illi l-preskrizzjoni msemmija *inter alia* fl-Artikolu 2156, ma jkollhiex effett jekk il-parti li teccepiha ma taghtix gurament minn jeddha li ma tiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa.

Izda, huwa manifest illi f'dan il-kaz il-konvenut ma llimitax ruhu illi jghid biss li huwa kien hallas lill-attur, izda mar oltre u ghazel li jindika z-zmien meta skont hu seta' hallas lura dan is-self. Ghalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li x-xhieda tal-konvenut f'din il-kawza, fejn jiddikjara li kien hallas lill-attur, ghandha tinftiehem sew bhala cahda tad-dritt ghall-hlas pretiz illum mill-attur, kif ukoll bhala dimostrazzjoni manifesta tal-fatt illi fiz-zmien li jghid li seta' ghamel il-pagament, cioe` hames jew sitt snin qabel, il-konvenut kien qed jaccetta u jaghraf li dak iz-zmien l-attur kellu dritt ghall-hlas tas-somma mislufa.

Il-Qorti ma tistax ma tqisx illi l-konvenut, meta xehed li jista' jkun li l-hlas tal-ammont pretiz sar xi hames jew sitt snin qabel, qieghed jaghraf l-ezistenza - dak iz-zmien - ta' stat ta' fatt konkludenti li mhuwiex kompatibbli mal-volonta` tieghu bhala pretiz debitur li jikkontesta l-ezercizzju tal-azzjoni ghall-hlas. Konformement, il-Qorti tqis li d-dikjarazzjoni li huwa kien hallas lill-attur l-ammont lilu misluf, issarraf f'rinunzja tal-konvenut ghall-istess preskrizzjoni <u>f'dak iz-zmien li skont hu sar il-hlas</u>. Kienet tkun differenti kieku l-konvenut illimita ruhu biex qal li ma jiftakarx meta hallas lill-attur, f'liema kaz ir-rinunzja ma tkunx tista' tghodd bhala interruzzjoni tal-preskrizzjoni ghaliex ma jkunx hemm prova taz-zmien li fih sar il-hlas.

Effettivament, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2018 il-konvenut xehed hekk:-

*"Jista' jkun li hames jew sitt snin ilu li hallastu pero` ma niftakarx preciz."*

Naturalment, il-provi in materja ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni, iridu jkunu cari u ghandhom ukoll ihallu f'mohh il-gudikant il-konvinzjoni morali favur il-hsieb ghar-rikonoxximent tad-dejn. F'dan il-kaz, il-Qorti biex waslet ghal din il-konkluzjoni, tat piz ukoll lill-inkonsistenzi netti li jirrizultaw fix-xhieda tal-konvenut, fejn ghalkemm beda biex jahlef li huh qatt ma silfu ebda flus, ftakar fis-self minnufih hekk kif gie muri d-dokumenti relattivi. Barra minn hekk, rinfaccjat bil-fatt tas-self, il-konvenut xehed li kien radd il-flus lil huh hafna snin ilu, izda fl-istess nifs jafferma li seta' anke hallsu lura hames jew sitt snin qabel. Fil-fehma tal-Qorti, huwa evidenti li l-konvenut ftit huwa konvincenti u evidentement ghamel minn kollox biex jevita li jwiegeb dwar is-self pretiz mill-attur u ghalhekk sejra tqis bl-istess kejl it-testimonjanza tieghu illi "*jista' jkun*" li kien hallas lil huh hames jew sitt snin qabel.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tifhem ukoll illi ghad ma jidhirx illi l-attur ma jghidhiex b'mod espress fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, huwa jaghti x'jifhem li qieghed jikkontendi li kien hemm rinunzja ghall-preskrizzjoni, u dan meta jissottometti illi l-konvenut ma setax jeccepixxi l-preskrizzjoni meta qal li hallas id-dejn. Ghalkemm huwa generalment rikonoxxut illi l-oneru tal-prova li kien hemm interruzzjoni taz-zmien preskrittiv jew rinunzja tal-preskrizzjoni, jinkombi fuq l-attur li jopponi l-preskrizzjoni, din il-Qorti f'kull kaz, taqbel mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell (Ghawdex) li fis-sentenza fl-ismijiet **Eucharistico Gauci vs Jesmond Borg et**[21], citat mill-Qorti Taljana tal-Kassazzjoni illi:-

*"l'eccezione di rinuncia alla prescrizione non integra una eccezzione in senso proprio, e pertanto puo` essere presa in esame dal giudice anche 'ex officio', senza bisogno di un'apposita iniziativa della parte interessata, purche` i fatti sui quali l'eccezzione si fonda, anche se non allegati dalla parti, siano stati ritualmente acquisiti al processo" (C 96/963).*

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-premessi konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis id-dikjarazzjoni tal-konvenut li huwa kien hallas is-somma pretiza, bhala <u>cahda tal-allegazzjoni li llum ghad ghandu jaghti</u>, izda fl-istess waqt bhala gharfien tal-jedd tal-attur ghall-hlas tal-ammont pretiz f'din il-kawza, ossia rinunzja - fid-data li giet indikata mill-konvenut bhala d-data tal-hlas – ghall-preskrizzjoni li jidher li kienet gia` kompjuta fiz-zmien tar-rikonoxximent[22].

Galadarba mill-atti jirrizulta z-zmien li fih sar l-allegat hlas u kwindi hemm prova tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni effikaci ghaz-zmien li l-konvenut jghid li effettwa r-ripagament tad-debitu, iz-zmien tal-preskrizzjoni jitqies li jerga' jibda jiddekorri mill-gdid wara din l-interruzzjoni.

Ikkunsidrat;

---

[21] Appell 135/2001, deciz 14 ta' Lulju 2004.

[22] Ma jidhrix li gie pprezentat u notifikat xi att interpellatorju ufficjali jew li kien hemm accettazzjoni bil-miktub ohra tal-konvenut wara s-27 ta' Marzu 2003 (Dok. S a fol.15), u lanqas jirrizulta xi prova skjetta mill-atti li kien hemm interruzzjoni ohra tad-dekorriment taz-zmien.

Huwa imperattiv illi galadarba giet stabbilita li kien hemm, jekk mhux rinunzja, talanqas interruzzjoni tat-terminu preskrittiv, f'dan il-kaz bir-rikonoxximent tal-jedd tal-attur permezz tad-dikjarazzjoni tal-konvenut li huwa hallas l-ammont pretiz hames jew sitt snin qabel, li tigi mistharrga d-data li fiha avverat l-interruzzjoni. Dan ghaliex kif gia` nghad, wara l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni jinizzja perijodu gdid ta' preskrizzjoni minghajr ma jittiehed qies taz-zmien traskors qabel dik l-interruzzjoni. Dan hu hekk skond il-previzjoni tal-ligi fl-Artikolu 2136 tal-Kodici Civili li jipprovdi illi:-

**2136.** (1) *Meta l-preskrizzjoni tiġi miksura, iż-żmien li jkun għadda qabel ma jgħoddx għal biex wieħed jippreskrivi.*

*(2) Iżda, il-preskrizzjoni tista' tibda miexja mill-ġdid*

Issa kif inghad, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata interpretazzjoni u tifsira ristretta, b'dan illi kull dubju, inkluz dubju dwar jekk it-terminu iddekorriex, ghandu jmur kontra l-eccipjenti tal-preskrizzjoni. Wiehed irid izomm ferm illi l-Qorti ma gietx imsejha biex tistharreg bis-sahha ta' eccezzjoni formali, jekk verament id-dejn giex saldat, izda galadarba l-konvenut identifika z-zmien li fih skont hu, huwa seta' salda d-debitu, il-Qorti tqis illi kien hemm rinunzja tacita ghall-preskrizzjoni f'dak l-istess zmien. Huwa ghalhekk impellenti li tigi stabbilita d-data meta sehhet din l-interruzzjoni.

Billi l-konvenut, waqt id-depozizzjoni tieghu fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2018, iddikjara li huwa seta' hallas lill-attur hames jew sitt snin qabel, il-Qorti tifhem li b'din id-dikjarazzjoni guramentata tieghu il-konvenut ma jeskludix illi l-allegat hlas tad-debitu seta' anke sar hames snin qabel, cioe` fl-20 ta' Marzu 2013. Dan ifisser li l-konvenut ma jeskludix li huwa rrikonoxxa l-jedd tal-attur (permezz tal-allegat ripagament tas-self) anke sa hames snin qabel xehed.

Galadarba gie stabbilit li kien hemm interruzzjoni permezz tar-rikonoxximent tad-debitu fiz-zmien imsemmi specifikatament mill-konvenut, u galadarba t-terminu preskrittiv ghandu jitqies li jkun rega' beda jiddekorri wara l-allegat pagament, il-Qorti ghandha tghaddi issa sabiex tistabbilixxi jekk mid-data tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni bis-sahha tar-rikonoxxoment tad-debitu, ghaddiex it-terminu preskrittiv ta' hames snin.

Mill-atti jirrizulta li l-kawza giet istitwita fit-22 ta' Awwissu 2017, filwaqt li l-konvenut, fil-21 ta' Marzu 2018, xehed illi seta' kien hames u sitt snin qabel li huwa hallas id-dejn. Dan ifisser li kien hemm rikonoxximent tad-debitu effikacji ghal-perijodu bejn il-20 ta' Marzu 2012 u l-20 ta' Marzu 2013. Ma jirrizultax illi saret interruzzjoni ulterjuri tat-terminu preskrittiv wara r-rikonoxximent permezz tal-allegat hlas, permezz ta' xi interpellazzjoni ufficjali[23] jew permezz ta' xi rikonixximent ulterjuri da parti tal-konvenut. Billi kif inghad, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tinghata tifsira restrittiva b'mod illi f'kaz ta' ekwivoku dwar id-data tal-interruzzjoni dan ghandu jmur kontra l-eccipjent tal-preskrizzjoni, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-kaz, l-interruzzjoni ghandha titqies li sehhet inqas minn hames snin qabel giet intavolata l-kawza, bid-dubju jmur favur il-parti kontra min tigi eccepita l-preskrizzjoni, cioe` l-attur. Il-konsegwenza ta' dan hija illi ma lahqux ghaddew hames snin mid-data tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni sakemm giet intavolata l-azzjoni odjerna ghall-hlas fit-22 ta' Awwissu 2017.

Ghaldaqstant, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi michuda, talanqas parzjalment, stante illi jirrizulta li minhabba rikonixximent tal-jedd tal-attur da parti tal-konvenut, ma lahqux ghaddew il-hames snin mehtiega ghall-kompiment tal-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur tal-Artikolu 2156(e) tal-Kodici Civili.

Ikkunsidrat;

[23] Kuntrarjament ghal dak sottomess mill-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu (f'pagna 3), ma jirrizultax mill-atti li giet ipprezentata ittra ufficjali fis-16 ta' Dicembru 2015.

Izda b'danakollu, trid issir distinzjoni bejn il-preskrizzjoni li tikkolpixxi l-azzjoni ghall-hlas tad-debitu principali, ossia l-kapital, u l-preskrizzjoni li tolqot l-azzjoni ghall-hlas tal-imghaxijiet ta' somom mehuda b'self. Il-preskrizzjoni tal-ahhar hija kontemplata espressament mis-subinciz (d) tal-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili.

Kif rajna, il-konvenut, fir-Risposta tieghu effettivament eccepixxa zewg preskrizzjonijiet differenti, ghad entrambi kwinkwennali, b'wahda minnhom espressament kwantu ghat-talba ghal-hlas tal-imghaxijiet. Fir-Rikors promotur, l-attur talab il-hlas tal-ammont misluf lill-konvenut fl-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' 9,000 Lira Sterlina (€10,393.81) li kif gia` stabbilit, huwa l-kapital misluf lill-konvenut, kif ukoll imghaxijiet b'effett mis-sena 1994.

Il-preskrizzjoni tal-azzjoni ghall-hlas ta' imghaxijiet ta' somom mehuda b'self hija dik taht is-subinciz (e) tal-Artikolu 2156. Mir-rizultanzi tal-provi li tressqu in konnessjoni mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, gie stabbilit illi kien hemm rikonoxximent da parti tal-konvenut tad-dritt tal-attur ghall-hlas tad-debitu, meta l-istess konvenut xehed li seta' hallas lura l-ammont lilu misluf, xi hames jew snin snin qabel. Madanakollu, il-Qorti tosserva illi l-konvenut, fit-testimonjanza tieghu fir-rigward, imkien ma qal li kien hallas ukoll l-imghax, u effettivament fix-xhieda tieghu ma ghamel ebda referenza kwalsiasi ghall-hlas tal-imghaxijiet. Mill-atti processwali jirrizulta li l-uniku referenza li saret ghall-imghax kien mill-attur innifsu, li xehed illi kien anke dispost li jaccetta li l-konvenut iroddlu lura l-ammont misluf minghajr interessi.

F'dan l-isfond, ghandu jigi kkunsidrat jekk l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni li saret bir-rikonoxximent tad-debitur li huwa hallas lil huh <u>minghajr referenza espressa ghall-hlas tal-imghax</u>, ghandhiex tghodd ukoll ghall-preskrizzjoni eccepita mill-konvenut taht is-subinciz (d) tal-Artioklu 2156.

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni ma ghandhiex tinghata tifsira tant wiesgha illi r-rikonoxximent tad-dritt tal-attur ghall-hlas, jitqies li

jolqot ukoll, b'analogija jew implikazzjoni, id-dritt ghall-hlas ta' debitu differenti minn dak li gie rikonoxxut. Madanakollu huwa pacifiku[24] illi l-imghax huwa dejjem ikkunsidrat bhala accessorju ghad-debitu ossia obbligazzjoni principali, u minkejja li z-zewg obbligazzjonijiet huma separati u soggetti ghal regoli differenti, jekk id-debitu principali mhux estint, lanqas ma hu estint l-imghax[25]. Konsegwentement, ghalkemm ma jirrizultax li l-attur issalvagwardja d-dritt tieghu ghall-hlas tas-self u tal-imghax b'xi att gudizzjarju intiz biex jinterrompi l-preskrizzjoni, galadarba l-preskrizzjoni giet interrotta kwantu ghall-kapital bir-rikonixximent tal-konvenut tad-dritt tal-attur, ghandu jitqies li saret interruzzjoni tal-preskrizzjoni anke kwantu ghall-obbligazzjoni separata tal-hlas tal-imghaxijiet. Il-korollarju ta' dan huwa illi l-azzjoni ghall-hlas tal-imghax pretiz mill-attur, m'hijiex preskritta bil-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur tal-Artikolu 2156(d) tal-Kap. 16.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut fl-ewwel eccezzjoni tieghu a tenur tal-Artikolu 2156(d) u 2156(e) tal-Kodici Civili, tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**L-ispejjez ta' dan l-episodju jhallashom il-konvenut.**

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**

[24] Ara **John Curmi noe vs D&B Catering Limited** – deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Novembru 2006.
[25] **Joseph Vella vs Peter Abela et** – deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar 2015.